MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 649/2010/1

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**v.**

**1. Sand & Gravel Limited (C 337);**
**2. Mark Aquilina;**
**3. John Aquilina;**
**4. Mark Aquilina, Sandro Aquilina, Silvana Naudi f'isimha proprju u Louis u Silvana Naudi ghan-nom tal-minuri Benjamin Naudi lkoll eredi tal-mejjet Emanuel Aquilina;**
**5. Carmen Aquilina;**
**6. E & J Aquilina Limited (C 1545);**
**7. Wied Incita Quarries Limited (C 14472);**

**8. Silmarsand Holdings Limited (C 11847);**
**9. Euro Concrete Blocks Limited (C 16202);**
**10. Rainbow Mix Concrete Limited (C6763);**

**Il-Qorti:**

Illi permezz ta' rikors guramentat ipprezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Gunju 2010 l-istess socjeta` talbet minghand il-konvenuti, fost talbiet ohrajn, il-hlas tas-somma ta' €1,389,062.59 flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mid-29 ta' April, 2010, sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc ta' self li gie minnha moghti skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Marco Burlo` tat-12 ta' Dicembru, 1997, u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet ta' kuntratt iehor fl-atti tan-nutar Dottor Christine Abela tas-27 ta' April, 2004.

Illi permezz tar-risposta guramentata taghhom, il-konvenuti kkontestaw it-talbiet attrici kif dedotti billi eccepew, fost ohrajn – senjatament fl-ewwel u fit-tieni eccezzjonijiet taghhom – illi l-ammont pretiz mill-appellata kien inkorrett, zbaljat, eccessiv u kien jinkludi fih imghaxijiet li gew ikkalkulati hazin u in eccess mil-limitu massimu impost mil-ligi;

Illi permezz ta' rikors tal-21 ta' Dicembru 2012, il-konvenuti talbu lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex joghgobha tawtorizza lill-istess konvenuti sabiex, f'dak it-terminu qasir u perentorju li joghgobha tiffissa dik l-istess Qorti ghal dan l-iskop, jipprezentaw risposta ulterjuri dwar in-nullita` tal-kuntratti tat-12 ta' Dicembru 1997 u tas-27 ta' April 2004, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;

Illi permezz ta' digriet tal-14 ta' Frar 2013, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-21 ta' Dicembru 2012, u dan ghar-ragunijiet segwenti:
"Il-Qorti rat l-Artikolu 1226 li fil-fehma taghha hu intiz biex ifisser illi l-eccezzjoni ta' nullita` (cioe` dik tal-inezistenza tar-rapport guridiku a differenza tal-annullabbilita` tar-rapport guridiku) tista' titqajjem f'kull zmien u mhix kolpita minn terminu ta' preskrizzjoni peress li dak li hu inezistenti

jew null ab initio ma jistax jiddekorri preskrizzjoni kontrih. Ara fuqa it-tema ta' nullita`/annullabilita` **Mary Assunta Azzopardi et v. Anthony Camilleri nomine et** (App. Civ. 25/05/2012).

"Is-socjetajiet intimati qed jittentaw iressqu ulterjuri ta' annullabbilita` tal-kuntratti minnhom iccitati a bazi ta' zball fis-sustanza. Ikun kontra sens li l-azzjoni fuq din il-premessa hi estinta bl-gheluq it-terminu moghti bl-Artikolu 1222 u l-eccezzjoni fuq l-istess premessa ma hix kolpita b'ebda terminu ta' preskrizzjoni. Hu f'dak is-sens li jrid jinqara l-Artikolu 1226, li allura qed jinvoka n-nullita` qua inezistenza.

"Maghdud dan ghalhekk japplika ghall-eccezzjoni ulterjuri li qed jintalab li titressaq mis-socjetajiet konvenuti l-Artikolu 728(2) cioe` li eccezzjonijiet li setghu inghataw fir-risposta guramentata ma ghandhomx jithallew jinghataw sakemm il-ligi ma tipprovdix li jistghu jinghataw f'kull hin, bhal fil-kaz ta' preskrizzjoni. F'dan il-kaz l-eccezzjoni proposta hi wahda ta' annullabbilita` tal-kuntratt liema eccezzjoni setghet saret fir-risposta guramentata. Kwindi mhux lecitu f'dan l-istadju li tigi proposta din l-eccezzjoni.

"Ghalhekk il-Qorti qed tichad it-talba tas-socjetajiet konvenuti biex tigi ammessa tipprezenta eccezzjoni ulterjuri."

Wara li ottjenew id-debitu permess mill-ewwel Qorti, il-konvenuti appellaw minn din id-decizjoni u talbu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, li din il-Qorti joghgobha:
"… … … tilqa' dan l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka d-digriet tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Frar 2013 u tghaddi sabiex tilqa' t-talba tal-esponenti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-21 ta' Dicembru 2012 u ghalhekk tawtorizza lill-istess esponenti sabiex, f'dak it-terminu qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-istess Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, jipprezentaw risposta ulterjuri dwar in-nullita` tal-kuntratti tat-12 ta' Dicembru 1997 u tas-27 ta' April 2004, u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi u bl-ispejjez kontra l-appellata."

Il-Bank attur issottometta, ghar-ragunijiet minnu premessi, illi l-appell ghandu jigi michud;

Wara li semghet lid-difensur tal-partijiet, u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti l-Qorti sejra issa tghaddi ghad-decizjoni taghha rigward il-meritu ta' dan l-appell;

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti tibda biex tirribadixxi l-principju illi bhala regola, l-eccezzjonijiet <u>kollha</u> ghat-talbiet attrici ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata, liema prinicipju hu intiz biex jigi evitat hela ta' zmien fis-smiegh, sorprizi waqt l-andament tal-kawza, u abbuz mill-konvenut li jressaq l-eccezzjonijiet kif u meta jrid. L-Artikolu 728(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jippermetti eccezzjonijiet ulterjuri bil-permess tal-Qorti "*jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi*". Sta ghall-ewwel Qorti li tkun sodisfatta, u wkoll in linea generali, qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tindahal biex tiddisturba l-hsieb tal-ewwel Qorti u tiddeciedi hi fuq l-ezistenza o meno ta' raguni valida. L-ewwel Qorti, li lilha ssirilha talba ghall-produzzjoni ta' eccezzjoni ulterjuri, hija fl-ahjar posizzjoni li tiddeciedi fuq il-validita` tar-raguni, u dan peress illi hi tkun bdiet tisma' l-kawza u tkun bdiet ikollha "feel" tal-partijiet u l-kaz, u tkun ghalhekk, tista' taghmel evalwazzjoni tajba tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

L-Artikolu 731 tal-istess Kap. 12, jghid illi l-Artikolu 728 ma japplikax f'kazijiet partikolari; dan ifisser li, f'dawk il-kazijiet, wiehed jista' jressaq eccezzjoni ulterjuri bla htiega li jitlob permess preventiv tal-Qorti. Il-kazijiet fejn dan hu permessibbli huwa fejn l-eccezzjoni tolqot kwistjoni li nqalghet waqt il-kawza – u hawn ukoll irid jidhol il-gudizzju tal-ewwel Qorti dwar jekk l-eccezzjoni hijiex rizultat ta' xi haga kompletament gdida li nqalghet, b'sorpriza ghall-konvenut, waqt is-smiegh tal-kawza – u fejn, b'disposizzjoni espressa tal-istess Kodici, eccezzjoni simili tkun tista' tinghata f'kull waqt tal-provedimenti. Din l-ahhar eccezzjoni ma tinkludix ovvjament, eccezzjonijiet fil-

meritu, li kif u jekk jinghataw huma fil-kontroll assolut tal-konvenut.

Issa, f'dan il-kaz, jirrizulta li l-kuntratt tat-12 ta' Dicembru, 1997, kien wiehed rikonjitorju, intiz sabiex il-facilita` li nghatat, u li nhadmet tul is-snin, tigi kristalizzata f'kuntratt gdid. Dan irrizulta mill-provi, pero`, ma hijiex xi haga gdida, ghax il-konvenuti kienu zgur konxji ta' dak li kien qed jigri. Huma stess jirreferu ghal *sanction letter* tal-bank attur li ppreceda l-kuntratt imsemmi, li kien jirreferi ghall-htiega ta' kuntratt gdid "*to restructure*" dik il-facilita`. Il-konvenuti issa qed jghidu illi kien biss mix-xhieda ta' ufficjal tal-bank attur li rrizultalhom illi meta gie mahdum l-ammont ta' flus dovuti biex jigi inkorporat fil-kuntratt ta' Dicembru, 1997, il-kont fih imghax kompost u mhux imghax semplici. Dan veru seta' gie kkonfermat mill-bank waqt is-smiegh, pero`, zgur kien jirrizulta qabel lill-konvenuti. Lil dawn, *ex admissis*, kienu jintbaghatu *statements* matul is-snin, u wiehed, b'esercizzju matematiku semplici, kien jinduna kif kien qed jinhadem l-imghax. Il-konvenuti, allura, setghu bi ftit attenzjoni, ikunu a konoxxenza tas-sistema li kienet tuza s-socjeta` attrici ghat-thaddim tal-imghax; nonostante dan, accettaw kollox bla lment u ffirmaw il-kuntratt rikonjitorju bla ebda riserva.

Jista' jkun li nonostante dan, il-konvenuti kienu jippretendu li xorta jkunu f'posizzjoni jikkontestaw l-ammont ta' debitu kristallizat fil-kuntratt ta' Dicembru 1997, u dana hekk kif jigu mitluba jhallsu dik is-somma; <u>dan, pero`, ma ghamluhx</u> wara li gew notifikati bir-rikors promotorju. Konvenut jista' jkollu dritt iressaq eccezzjoni partikolari, pero`, jekk jonqos li jissolevaha, ikun tort tieghu jekk dik l-eccezzjoni ma tigix ikkonsidrata mill-Qorti. F'dan il-kuntest ifisser illi jekk nonostante li l-konvenuti "accettaw" li jhallsu imghax kompost huma riedu jeccepixxu n-nullita` ta' dik l-accettazzjoni, dan setghu ghamluh liberament; jekk naqsu *imputet sibi*.

Darba li l-uzu mill-bank attur ta' sistema ta' kalkolu tal-imghax kien ovvju, jew kellu jkun ovvju b'uzu ta' semplici calculator, l-oggezzjoni ghal uzu ta' dik is-sistema kellha ssir fil-bidu. Ma hijiex materja la li inqalghet waqt il-

kawza, u lanqas ma jista’ jinghad li kien hemm “raguni valida” ghala eccezzjoni bhal din ma gietx sollevata fl-istadju opportun.  Il-konvenuti kellhom il-konoxxenza tal-fatt u kellhom kull opportunita` jeccepixxu in-nullita`, izda, ghar-ragunijiet li jafuhom huma biss, naqsu li jipprocedu skont il-ligi.  Jista’ jkun li l-konvenuti “*did not bother*” li jiccekkjaw l-istatements bankarji li kienu jircievu kull tant zmien, pero`, ghal dan in-nuqqas u traskuragni ma jahti hadd hlief huma.  Jekk lanqas meta rcevew ir-rikors guramentat ma ndenjaw ruhhom jiccekkjaw il-figuri, allura zgur, aktar u aktar, ma hemmx “raguni valida” ghal dan in-nuqqas.

Il-konvenuti jaghmlu referenza wkoll ghall-Artikolu 1226 tal-Kodicvi Civili li jghid li l-eccezzjoni ta’ nullita` tista’ titressaq f’<u>kull zmien</u>, u jargumentaw li, allura, setghu, meta jridu, jissollevaw dik l-eccezzjoni.  Din il-Qorti ma taqbilx.  L-ewwel nett, l-Artikolu 731 jghid li eccezzjoni ulterjuri tista’ titressaq minghajr htiega ta’ permess preventiv tal-Qorti meta tali eccezzjoni tista’ tigi sollevata f’kull waqt tal-procediment skont “*disposizzjoni espressa ta’ <u>dan</u> il-Kodici*”, jigifieri tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u mhux skont xi kodici iehor.  It-tieni nett, kull azzjoni ta’ rexissjoni hi marbuta b’terminu ta’ preskrizzjoni, izda l-artikolu 1226 imsemmi jghid li l-eccezzjoni ta’ nullita` tista’ tinghata “f’kull zmien”.  Hemm diskordju fil-gurisprudenza dwar xi jfisser ezatt dan l-artikolu, pero`, ghall-fini ta’ din il-kawza, dan hu irrilevanti.  <u>Kieku</u> l-eccezzjoni ta’ nullita` giet sollevata proceduralment b’mod korrett, il-bank attur kien ikun jista’ jecepixxi l-preskrizzjoni, u l-Qorti kien ikollha tidhol biex tezamina l-implikazzjoni tal-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili.  F’dan il-kaz, pero`, l-eccezzjoni ta’ nullita` ma gietx sollevata meta hekk kellha tigi, u artikolu tal-ligi intiz biex jirregola l-materja ta’ preskrizzjoni ma jistax jintuza biex jiggustifika nuqqas procedurali ta’ dak li kellu interess, u seta’ jqajjem l-eccezzjoni ta’ nullita`.  L-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili huwa applikazzjoni tal-principju *quae temporalia sunt ad agendam perpetua sunt in excipiendo*, li ma jfissirx li proceduralment tali eccezzjoni tista’ tinghata fi kwalunkwe zmien tal-procediment gudizzjarju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess, u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez marbuta mas-sentenza tal-ewwel Qorti u mas-sentenza ta' din il-Qorti ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------